

Sejħa għal Espressjonijiet ta' Interess għall-MEMBRI TAL-KUMITAT XJENTIFIKU tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA)

Numru ta' referenza: CEI-SCIE-2022

B'din is-sejħa l-[Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali \(FRA\)](#) qiegħda tiftaħ 11-il kariga fil-Kumitat Xjentifiku tagħha. Il-mandat tal-membri l-ġodda se jibda fl-04.06.2023 u jispiċċa fit-03.06.2028.

L-FRA hija l-korp espert speċjalizzat tal-Unjoni Ewropea bl-inkarigu li tipprovdi parir ibbażat fuq l-evidenza fil-qasam tad-drittijiet fundamentali lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri tal-UE (meta jaġixxu fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-UE).

Filwaqt li tagħmel parti mill-amministrazzjoni ġenerali tal-UE, l-Aġenzija hija entità distinta li tinsab fi Vjenna. Il-Kumitat Xjentifiku attwali tagħha huwa grupp stmat ta' esperti dwar id-drittijiet tal-bniedem magħrufa fuq livell internazzjonali. Il-membri tiegħu, ħafna minnhom professuri tal-università, ġejjin minn dixxiplini differenti u kellhom karigi ta' livell għoli, inklużi l-Viċi President tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Presidenti tal-Istituzzjonijiet Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem, ir-Rapporteurs Speċjali tan-NU, il-Membri tal-Kumitati ta' monitoraġġ internazzjonali u rwoli oħrajn simili. Il-Kumitat Xjentifiku huwa ċentru ta' esperti b'kompetenzi eċċellenti fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem li jissorvelja x-xogħol tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali.

Il-kariga ta' membru tal-Kumitat Xjentifiku tal-FRA hija ferm prestiġjuża u tirrikjedi impenn sħiħ u investment konsiderevoli ta' żmien. Il-Kumitat Xjentifiku ngħata l-mandat li jiggarrantixxi l-kwalità xjentifika tal-ħidma tal-FRA fl-ispettru kollu tad-drittijiet fundamentali. Il-membri jiltaqgħu tal-inqas erba' darbiet fis-sena fil-post tal-FRA fi Vjenna jew mill-bogħod.

1. L-AĠENZIJA

L-FRA hija Aġenzija tal-Unjoni Ewropea bbażata fi Vjenna, l-Awstrija.¹

L-objettiv tal-FRA huwa li tipprovdi assistenza u għarfien espert relatati mad-drittijiet fundamentali lill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji u awtoritajiet tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha meta jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni Ewropea sabiex tappoġġjahom meta jieħdu miżuri jew ifasslu korsijiet ta' azzjoni fi ħdan l-isferi rispettivi ta' kompetenza tagħhom bil-għan li jirrispettaw bis-sħiħ id-drittijiet fundamentali.²

L-FRA tiffoka fuq is-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-UE u fis-27 Stat Membru tagħha. Il-pajjiżi kandidati u l-pajjiżi li kkonkludew ftehim ta' stabbilizzazzjoni u assoċjazzjoni mal-UE jistgħu jiġu mistiedna jipparteċipaw.³

L-FRA tinkludi l-korpi li ġejjin:

[Il-Bord ta' Tmexxija](#)

[Il-Bord Eżekuttiv](#)

[Il-Kumitat Xjentifiku](#)

[Id-Direttur](#)

[Il-Persunal tal-aġenzija](#)

2. IL-KUMITAT XJENTIFIKU

Din is-sejħa għal espressjonijiet ta' interess tistieden lill-esperti, li għandhom l-esperjenza meħtieġa f'dixxiplina xjentifika waħda jew aktar fil-qasam tad-drittijiet fundamentali biex jesprimu l-interess tagħhom li jsiru membri tal-Kumitat Xjentifiku tal-Aġenzija.

Skont l-Artikolu 14, il-paragrafu 1 tar-[Regolament tal-Kunsill \(KE\) Nru 168/2007 tal-15 ta' Frar 2007](#), emendat mir-[Regolament tal-Kunsill \(UE\) 2022/555 tal-](#)

¹ Ir-Regolament fundatur adottat mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ġie ppubblikat fil-ĠU L 53, 22.2.2007, pp. 0001-0014

² L-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007 tal-15 ta' Frar 2007 li jstabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali

³ Ara l-Artikolu (28) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 168/2007.

[5 ta' April 2022](#) (minn hawn 'il quddiem ir-“Regolament”) li jistabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (minn hawn 'il quddiem l-“Aġenzija”), il-Bord ta' Tmexxija tal-Aġenzija għandu jaħtar [Kumitat Xjentifiku](#) li għandu jkun magħmul minn 11-il persuna indipendenti, bi kwalifiki għoljin fil-qasam tad-drittijiet fundamentali, b'kompetenzi adegwati fil-kwalità xjentifika u fil-metodoloġija tar-riċerka.

Ir-Rwol tal-Kumitat Xjentifiku:

F'konformità mal-Artikolu 14, il-paragrafu 5 tar-Regolament, il-Kumitat Xjentifiku għandu jkun il-garanti tal-kwalità xjentifika tax-xogħol tal-Aġenzija u għandu jagħti parir lid-Direttur u lill-Aġenzija dwar il-metodoloġija tar-riċerka xjentifika applikata fix-xogħol tal-Aġenzija.

Għal dak il-għan, id-Direttur għandu jnvolvi lill-Kumitat Xjentifiku fit-tnejn tad-dokumenti mfasla fil-kuntest tal-kompiti li l-Aġenzija hija inkarigata bihom, skont l-Artikolu 4, il-paragrafu 1(a-f) u (h) tar-Regolament:

- Il-ġbir, ir-reġistrazzjoni, l-analiżi u t-tixrid ta' informazzjoni u *data* rilevanti, oġġettivi, affidabbli u komparabbli, inklużi riżultati minn riċerka u monitoraġġ ikkomunikati lilha mill-Istati Membri, l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni, minn ċentri tar-riċerka, korpi nazzjonali, organizzazzjonijiet mhux governattivi, pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali, b'mod partikolari mill-korpi kompetenti tal-Kunsill tal-Ewropa;
- L-iżvilupp ta' metodi u standards biex jittejjbu l-komparabilità, l-oġġettività u l-affidabilità tad-*data* dwar id-drittijiet fundamentali fil-livell Ewropew, b'kooperazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri tal-UE;
- It-twettiq, il-kooperazzjoni ma' jew l-inkoraġġiment ta' riċerka u sħarriġ xjentifiċi, studji preparatorji u studji ta' fattibilità, inkluż, fejn ikun xieraq u kompatibbli mal-prijoritajiet tagħha u mal-programmi ta' ħidma annwali u pluriennali tagħha, fuq talba tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill jew tal-Kummissjoni;
- Il-formulazzjoni u l-pubblikazzjoni ta' konklużjonijiet u opinjonijiet dwar suġġetti tematiċi speċifiċi, għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni u l-Istati Membri fl-implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, jew fuq l-inizjattiva tagħha stess jew fuq it-talba tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill jew il-Kummissjoni;
- Il-pubblikazzjoni ta' rapport annwali dwar kwistjonijiet relatati mad-drittijiet fundamentali koperti mill-oqsma ta' attività tal-Aġenzija, li jixħet dawl fuq eżempji ta' prattika tajba wkoll;

- Il-pubblikazzjoni ta' rapporti tematiċi bbażati fuq l-analiżi, ir-riċerka u l-istħarriġiet proprji tal-Aġenzija;
- L-iżvilupp ta' strateġija ta' komunikazzjoni u l-promozzjoni tad-djalogu mas-soċjetà ċivili, sabiex tinholq sensibilizzazzjoni tal-pubbliku dwar id-drittijiet fundamentali u b'mod attiv titqassam informazzjoni dwar ix-xogħol tal-Aġenzija.

Il-Kumitat Xjentifiku jiġi kkonsultat dwar l-abbozz tad-dokument ta' Programmazzjoni tal-Aġenzija f'konformità mal-Artikolu 5a, il-paragrafu 3.

Il-funzjonament tal-Kumitat Xjentifiku:

B'differenza mill-Bord ta' Tmexxija, il-Kumitat Xjentifiku huwa korp konsultattiv li ma huwiex involut fl-amministrazzjoni u fit-tmexxija tal-Aġenzija. Fl-istess ħin, il-Kumitat huwa korp ta' ħidma li huwa involut fil-proċessi ta' riċerka tal-Aġenzija. Dan jimplika li l-membri huma mistennija jimpenjaw ruħhom bi sħiħ biex jagħtu kontribut sostanzjali f'termini ta' żmien u volum ta' xogħol għax-xogħol tal-Aġenzija; u l-input tagħhom ikun fil-forma ta' argumenti raġunati li jikkonċernaw il-kwalità tax-xogħol tal-Aġenzija, b'mod partikolari dwar il-metodoloġija tar-riċerka xjentifika applikata, li jaf teħtieġ kontributi dettaljati bil-miktub.

Skont il-metodi ta' ħidma attwali, il-membri individwali tal-Kumitat jistgħu jissorveljaw proġett ta' riċerka speċifiku wieħed jew aktar bħala "rapporteurs" mit-tnissil tal-idea ta' proġett sal-pubblikazzjoni tar-riżultati. Madankollu, id-deċiżjonijiet li jikkonċernaw il-"kwalità xjentifika tax-xogħol tal-Aġenzija" jittieħdu b'mod kollettiv mill-membri tal-Kumitat Xjentifiku. Il-Kumitat huwa mmexxi mill-President tiegħu⁴. Il-President huwa assistit minn punt ta' kuntatt fi ħdan l-FRA.

Il-kompożizzjoni tal-Kumitat Xjentifiku:

Skont l-Artikolu 14, il-paragrafu 1 tar-Regolament, il-Kumitat Xjentifiku għandu jkun magħmul minn 11-il persuna indipendenti, bi kwalifiki għolja fil-qasam tad-drittijiet fundamentali. Il-Bord ta' Tmexxija għandu jaħtar lill-membri wara sejħa għal applikazzjonijiet u proċedura ta' selezzjoni trasparenti wara li jkun ikkonsulta lill-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew⁵

Il-Bord ta' Tmexxija għandu jiżgura rappreżentazzjoni ġeografika indaqs fis-sħubija tal-Kumitat Xjentifiku li għandu jaħtar. Barra minn hekk, il-Bord ta' Tmexxija għandu l-għan li jikseb parteċipazzjoni bbilanċjata bejn in-nisa u l-irġiel

⁴ L-Artikolu 19 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali.

⁵ Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (il-"Kumitat LIBE").

fil-Kumitat Xjentifiku. Se jagħti wkoll l-attenzjoni dovuta lid-dixxiplini u l-ispeċjalizzazzjonijiet xjentifiċi bil-għan li jkopri l-oqsma differenti kif definiti fi ħdan id-dokument ta' programmazzjoni tal-Aġenzija.

Skont l-Artikolu 14, il-paragrafu 1 tar-Regolament, il-membri tal-Bord ta' Tmexxija tal-Aġenzija huma preklużi milli jkunu membri tal-Kumitat Xjentifiku.

Il-membri tal-Kumitat Xjentifiku għandhom ikunu esperti f'waħda mid-dixxiplini jew ikollhom profil interdixxiplinari relatat mad-drittijiet tal-bniedem jew rilevanti għalihom, fost l-oħrajn:

- xjenzi soċjali; inklużi kandidati b'għarfien espert fl-oqsma ta' metodoloġiji ta' riċerka u riċerka tranżnazzjonali, riċerka komparattiva kwalitattiva u/jew kwantitattiva;
- id-dritt, inklużi d-dritt kostituzzjonali komparattiv, id-dritt tal-UE u d-dritt internazzjonali;
- ix-xjenzi politiċi;
- l-istatistiċi.

Mandat:

Il-mandat tal-membri tal-Kumitat Xjentifiku għandu jkun ta' ħames snin. Ma għandux jiġġedded. Il-membri tal-Kumitat Xjentifiku għandhom ikunu indipendenti u jeħtiġilhom jikkonformaw mar-regoli ta' kunfidenzjalità.

Il-membri jistgħu jiġu sostitwiti biss fuq it-talba tagħhom stess, jew fil-każ li huma permanentement ma jitħallewx iwettqu dmirijiethom. Madankollu, fejn membru ma jissodisfax aktar il-kriterji ta' indipendenza, huwa għandu jirriżenja minnufih u jenħtieġ li jinforma lill-Kummissjoni Ewropea u lid-Direttur tal-Aġenzija. Bħala alternattiva, il-Bord ta' Tmexxija jista' jiddikjara, fuq proposta ta' terz tal-membri tiegħu jew tal-Kummissjoni Ewropea, in-nuqqas ta' indipendenza u jirrevoka lill-persuna kkonċernata.

F'tali każijiet, il-Bord ta' Tmexxija għandu jaħtar l-ewwel persuna disponibbli li tkun l-ewwel fil-lista ta' riżerva bħala l-membri l-ġdid għall-mandat li jkun fadal. Meta jkun fadal sentejn mill-mandat, il-mandat tal-membri l-ġdid jista' jkun għal terminu sħiħ ta' ħames snin. Il-lista tal-membri tal-Kumitat Xjentifiku għandha ssir pubblika u għandha tiġi aġġornata mill-Aġenzija fuq is-sit web tagħha.

Laqgħat tal-Kumitat Xjentifiku:

Skont l-Artikolu 14, il-paragrafu 6 tar-Regolament, il-Kumitat Xjentifiku għandu jiltaqa' erba' darbiet fis-sena f'sessjoni plenarja. Il-laqgħat se jsiru jew fis-sede tal-Aġenzija (Vjenna) jew mill-bogħod permezz ta' vidjokonferenza. Jistgħu jissejġu laqgħat straordinarji. Il-membri huma mistennija jipparteċipaw f'dawn il-laqgħat u jagħtu kontribut sostanzjali f'termini ta' żmien u volum ta' xogħol, inklużi rieżami u kummenti dwar il-materjal sottomess lilhom – li preferibbilment jenħtieġ li jkunu f'forma miktuba u sostanzjata.

Il-membri tal-Kumitat Xjentifiku għandhom ikunu intitolati għal indennizzi relatati mal-parteċipazzjoni tagħhom fl-attivitajiet tal-Kumitat Xjentifiku.⁶

3. KWALIFIKI U ESPERJENZA MEĦTIEĠA, KRITERJI TA' VALUTAZZJONI

A. Kriterji ta' eliġibilità

Dawk li japplikaw biex jissieġbu mal-Kumitat Xjentifiku jridu jissodisfaw l-erba' kriterji li ġejjin:

- Ikollhom grad universitarju postgradwatorju f'qasam xjentifiku rilevanti;
- Ikollhom seba' snin esperjenza professjonali pprovata relatata mad-drittijiet fundamentali fil-kuntest ta' dixxiplini bħax-xjenzi soċjali, ix-xjenzi politiċi, id-dritt u/jew l-istatistika - wara li jkunu kisbu l-grad imsemmi hawn fuq;
- Ikunu ċittadini ta' wieħed mill-Istati Membri tal-UE jew ta' Stat li jipparteċipa fix-xogħol tal-FRA bħala osservatur skont l-Artikolu 28 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007, emendat mir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/555 tal-5 ta' April 2022;
- Għarfien profond (livell minimu C1) tal-Ingliš u għarfien sodisfaċenti (livell minimu B2) ta' lingwa oħra tal-UE.⁷

⁶ L-Artikolu 24 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali; l-esperti mistiedna jattendu l-laqgħat.

⁷ NOTA: Il-lingwa ta' ħidma għal-laqgħat u l-kontributi kollha – kemm għall-FRA kif ukoll għall-membri tal-Kumitat Xjentifiku - hija l-Ingliš. L-FRA tittraduċi biss il-verżjonijiet finali tal-kontributi tagħha f'lingwi oħrajn tal-UE, u għaldaqstant, il-kandidati huma mistennija li jkollhom standard ferm għoli tal-**Ingliš (livell C1 skont il-QKERL)** – smiġh, qari u kitba – peress li t-traduzzjoni u l-interpretazzjoni mhumiex possibbli fir-rigward tax-xogħol tal-Kumitat.

B. Kriterji ta' selezzjoni

ESSENZJALI:

Il-**ħames rekwiżiti essenzjali** għas-selezzjoni tal-membri tal-Kumitat Xjentifiku huma:

- **Eċċellenza xjentifika:** eċċellenza xjentifika relatata strettament mal-oqsma tal-mandat tal-Aġenzija, murija mill-pubblikazzjonijiet f'oqsma rilevanti jew f'indikaturi oħra ta' esperjenza professjonali rilevanti li jinvolvu tali dixxiplini bħalma huma d-dritt, ix-xjenzi soċjali, ix-xjenzi politiċi, l-istatistika, il-ġeografija, l-ekonomija, l-antropoloġija jew il-ġurnaliżmu;
- **Esperjenza tranżnazzjonali u komparattiva:** esperjenza estensiva li jkunha ħadmu u/jew wettqu riċerka komparattiva kwalitattiva u kwantitattiva f'aktar minn pajjiż wieħed fl-oqsma relatati mill-qrib max-xogħol tal-Aġenzija;
- **Għarfien profund dwar id-drittijiet fundamentali/tal-bniedem fil-prattika:** esperjenza estensiva fir-rigward tal-implimentazzjoni legali, tax-xjenzi soċjali, tal-politiki u/jew prattika tad-drittijiet fundamentali/tal-bniedem fil-prattika – bħal esperjenza ta' ħidma fuq il-post, analiżi ta' *data*, governanza u demokrazija, fejn ikunu taw parir tekniku u ġudizzji legali, u ħadmu f'organizzazzjoni internazzjonali governattiva jew mhux governattiva, inklużi korpi ta' monitoraġġ;
- **Għoti ta' opinjonijiet u/jew ta' rakkomandazzjonijiet:** Esperjenza fl-abbozzar ta' opinjonijiet, jew rakkomandazzjonijiet fil-livell nazzjonali jew internazzjonali relatati mal-oqsma ta' interess tal-Aġenzija;
- **Ingliż Xjentifiku Eċċellenti:** għarfien eċċellenti tal-Ingliż miktub u mitkellem. Fil-Kumitat Xjentifiku, l-Ingliz⁸ huwa l-lingwa użata fil-komunikazzjoni orali kif ukoll f'dik bil-miktub.

VANTAĠĠ:

L-erba' kriterji li ġejjin se jitqiesu bħala **vantaġġi** miżjuda:

- Il-kandidat ikollu jew kellu kattedra jew karigi oħrajn xprunati mir-riċerka permanenti f'istituzzjoni akkademika;
- Grad ta' dottorat;

⁸ L-Artikolu 4(2) tar-regola ta' proċedura tal-Aġenzija.

- Esperjenza professjonali f'ambjent interdixiplinari, preferibbilment f'kuntest internazzjonali;
- Esperjenza fit-tixrid ta' sejbiet tar-riċerka lil udjenzi multipli b'mod innovattiv u effiċjenti.

B'mod partikolari l-konformità mar-rekwiżiti essenzjali msemmija hawn fuq se tiġi vvalutata skont l-iskala ta' punti, fatti u provi ta' mertu li ġejja:

1. Eċċellenza xjentifika (0-30 punt)

- Publikazzjonijiet xjentifiċi rilevanti – minimu ta' 10 publikazzjonijiet ta' kwalità għolja;
- Opinjonijiet, rakkomandazzjonijiet jew konklużjonijiet esperti rilevanti mogħtija lil awtoritajiet pubbliċi;
- Proġetti ta' riċerka rilevanti fi Stati Membri differenti tal-UE;
- Tagħlim rilevanti fi Stati Membri differenti tal-UE u esperjenza fi rwol ta' presidenza waqt konferenzi internazzjonali, fil-parteċipazzjoni fi gruppi ta' ħidma internazzjonali u fi proġetti multidixiplinari.

2. Esperjenza tranżnazzjonali u komparattiva (0-15-il punt)

- Esperjenza rilevanti ta' ħidma fuq il-post, inkluż eż. sħarriġiet multinazzjonali, li janalizzaw kemm *data* kwantitattiva kif ukoll kwalitattiva;
- Esperjenza rilevanti fl-għoti ta' pariri dwar politiki u pariri legali f'kuntest internazzjonali jew tranżnazzjonali;
- Esperjenza rilevanti fit-tqabbil ta' sistemi politiċi u dritt kostituzzjonali komparattiv (UE);

3. Għarfien profund dwar id-drittijiet fundamentali/tal-bniedem fil-prattika u fil-politika (0-15-il punt)

- Esperjenza rilevanti fl-amministrazzjoni pubblika jew fil-qasam tal-politiki, inklużi karigi ta' tmexxija attwali jew fl-imgħoddi;
- Esperjenza rilevanti fil-Ġudikatura, inklużi karigi ta' tmexxija attwali jew fl-imgħoddi;
- Esperjenza rilevanti f'Organizzazzjonijiet Mhux Governattivi, inklużi karigi ta' tmexxija attwali jew fl-imgħoddi;
- Esperjenza rilevanti f'Istituzzjonijiet Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem jew korpi oħrajn għad-drittijiet tal-bniedem fil-livell nazzjonali, inklużi karigi ta' tmexxija attwali jew fl-imgħoddi;
- Esperjenza rilevanti fid-drittijiet fundamentali f'livell internazzjonali, inklużi karigi ta' tmexxija attwali jew fl-imgħoddi.

4. Għoti ta' opinjonijiet u/jew rakkomandazzjonijiet/konklużjonijiet (0-15-il punt)

- Esperjenza estensiva fit-tisrif ta' riċerka xjentifika f'rakkomandazzjonijiet rilevanti għall-prattika;
- Esperjenza estensiva fl-għoti ta' opinjonijiet esperti konċiżi u rilevanti għall-politiki lil amministrazzjonijiet pubbliċi u NGOs;
- Esperjenza estensiva bħala editur xjentifiku;
- Esperjenza fil-komunikazzjoni dwar id-drittijiet fundamentali lil pubbliku ġenerali.

5. Inġliż Xjentifiku Eċċellenti (0-10 punti)

- Inġliż xjentifiku miktub eċċellenti;
- Esperjenza estensiva fil-kitba xjentifika u editjar bl-Inġliż.

Il-kriterji indikati bħala vantaġġu se jingħataw bejn 0-5 punti b'kollox.

Fil-fażi ta' selezzjoni, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni wkoll il-bżonn li jiġi żgurat bilanċ ġeografiku u bilanċ bejn is-sessi ġust.

4. SOTTOMISSJONI TAL-APPLIKAZZJONIJIET

Il-kandidati huma mitluba jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom b'mod elettroniku permezz tas-sit web tal-Aġenzija:
<http://fra.europa.eu/en/about-fra/recruitment/vacancies>

Se jiġu aċċettati applikazzjonijiet online **biss**. Applikazzjoni titqies ammissibbli biss jekk tinkludi:

- **ittra ta' interest** (massimu ta' paġna waħda);
- **formola ta' reġistrazzjoni** li l-link tagħha jista' jiġi aċċessat mis-sit web tal-Aġenzija fil-paġna relatata ma' din is-Sejħa għal Espressjonijiet ta' Interest;
- **lista ta' publikazzjonijiet xjentifiċi** f'kotba u ġurnali rieżaminati bejn il-pari, inklużi **l-astratti tal-aktar fames artikli rilevanti (jenħtieġ li tlieta minn dawn l-astratti jkunu bl-Inġliż)**.

Jistgħu jintalbu dokumenti ta' prova oħrajn aktar tard matul il-proċedura ta' selezzjoni.

Jistgħu jintalbu kjarifiki dwar is-sejħa u l-proċedura ta' applikazzjonijiet mill-indirizz li ġej:

selection-scientific-committee@fra.europa.eu

5. PROĊEDURA TA' SELEZZJONI, ĦATRA U MANDAT

Preselezzjoni:

Id-Direttur għandu jissorvelja x-xogħol tal-panel ta' preselezzjoni għall-membri tal-Kumitat Xjentifiku. Huwa għandu jippresjedi panel ta' preselezzjoni, ifformat mill-Kapijiet tal-Unità tal-Aġenzija u persuna maħtura għal dan l-iskop mill-Kunsill tal-Ewropa. Żewġ membri tal-Bord ta' Tmexxija tal-FRA, kif ukoll membru wieħed tal-Kumitat Xjentifiku attwali, jistgħu jattendu l-panel ta' preselezzjoni bħala osservaturi.

Il-panel ta' preselezzjoni għandu jivverifika l-eliġibilità tal-kandidati, skont ir-rekwiżiti ta' eliġibilità. Nuqqas ta' konformità ma' wieħed minn dawn ir-rekwiżiti jirriżulta fl-esklużjoni tal-kandidat ikkonċernat mill-istadji li jkun imiss fil-proċess ta' selezzjoni.

Imbagħad, il-panel ta' preselezzjoni għandu jivvaluta kull kandidat eliġibbli skont ir-rekwiżiti għas-selezzjoni.

Id-Direttur għandu jippreżenta r-riżultati tal-proċess ta' preselezzjoni lill-Bord Eżekuttiv tal-Aġenzija, inkluża l-informazzjoni dwar il-kandidati meqjusa ineliġibbli.

Selezzjoni:

Il-Bord Eżekuttiv għandu jivvaluta lill-kandidati kollha abbażi tar-rekwiżiti tas-selezzjoni stabbiliti.

F'din il-valutazzjoni, il-Bord Eżekuttiv għandu jqis:

- Ix-xogħol tal-panel ta' preselezzjoni;
- Il-ħtieġa li l-oqsma ta' għarfien espert tal-membri tal-Kumitat Xjentifiku għandhom ikopru l-aktar oqsma rilevanti tal-ħidma tal-Aġenzija;
- Il-ħtieġa li jiġi żgurat bilanċ ġeografiku u bilanċ bejn il-ġeneri tajjeb.

Il-Bord Eżekuttiv permezz tal-President tiegħu għandu jissottometti lista tal-aktar kandidati eliġibbli lill-Bord ta' Tmexxija. Jenġtiegħ li din il-lista tinkludi aktar minn 11-il isem u inqas minn 22 isem. Il-lista se tinkludi wkoll punti ta' mertu, konklużjoni rigward l-adeqwatezza bħala membru tal-Kumitat Xjentifiku għal kull kandidat, rekord tal-kandidati mhux inklużi fil-listi msemmija hawn fuq kif ukoll tal-kandidati meqjusa ineliġibbli.

Is-servizzi tal-Aġenzija għandhom jipprovdu appoġġ tekniku u loġistiku għall-proċess ta' selezzjoni.

Fatra:

Abbażi tal-lista sottomessa mill-Bord Eżekuttiv, il-Bord ta' Tmexxija għandu japprova lista ta' riżerva stabbilita skont l-ordni tal-mertu u jaħtar il-11-il membru tal-Kumitat Xjentifiku, wara li jkun ikkonsulta lill-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew.

Skont l-Artikolu 14, il-paragrafu 2 tar-Regolament, il-membri se jinħatru għal mandat ta' ħames snin, li ma għandux ikun jista' jiġġedded.

Jenġtiegħ li l-kandidati potenzjali jkun jafu li bħala konsegwenza tal-proċedura pubblika tas-sessjonijiet tal-Kumitat LIBE, il-Kumitat LIBE jista' jagħmel l-ismijiet tal-kandidati kif ukoll is-CVs tagħhom disponibbli għall-pubbliku. Kandidati potenzjali għandhom id-dritt li joġġezzjonaw għall-pubblikazzjoni tad-*data* tagħhom billi jibagħtu email fuq selection-scientific-committee@fra.europa.eu.

6. DIKJARAZZJONI TA' IMPENN, INTERESS U KUNFIDENZJALITÀ

Il-membri tal-Kumitat Xjentifiku jinħatru fuq bażi personali. Il-membri għandhom jieħdu l-impenn li jaġixxu b'mod indipendenti minn kwalunkwe influwenza esterna. Għal din ir-raġuni, se jintalbu jagħmlu dikjarazzjoni ta' impenn u dikjarazzjoni ta' interess.⁹

Se tintalab issir dikjarazzjoni ta' kunfidenzjalità wkoll sabiex issir konformità mar-regoli dwar il-kunfidenzjalità meta tiġi ttrattata informazzjoni speċifikament identifikata mill-Aġenzija bħala "ristretta jew kunfidenzjali".¹⁰

⁹ L-Artikolu 27(2) tar-Regoli ta' Proċedura.
¹⁰ L-Artikolu 26(2) tar-Regoli ta' Proċedura.

7. OPPORTUNITAJIET INDAQS

L-FRA tħeġġeġ lil kull persuna li tissodisfa l-kriterji ta' eliġibilità u li tkun interessata biex issir membru tal-Kumitat Xjentifiku tal-FRA biex tapplika.

L-FRA hija impjegatur ta' opportunitajiet indaqs u tiżgura li l-proċeduri ta' reklutaġġ tagħha ma jiddiskriminawx fuq l-ebda bażi bħal sess, razza, kulur, oriġini etnika jew soċjali, karatteristiċi ġenetiċi, reliġjon jew twemmin, opinjoni politika jew kwalunkwe opinjoni oħra, sħubija f'minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid, diżabilità, età, identità tal-ġeneru jew orjentazzjoni sesswali. L-FRA hija impenjata tikseb bilanċ bejn il-ġeneri u għalhekk il-kandidati nisa huma partikolarment imħeġġa biex japplikaw.

8. PROTEZZJONI TA' DATA PERSONALI

Jekk jogħġbok kun af li l-FRA ma hijiex se tagħti lura l-applikazzjonijiet lill-kandidati.

L-informazzjoni personali li titlob l-FRA mill-applikanti se tiġi pproċessata f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*. Dan japplika b'mod partikolari għall-kunfidenzjalità u għas-sigurtà ta' din id-*data*.

Jekk il-kandidati jkollhom xi mistoqsija dwar l-ipproċessar tad-*data* personali tagħhom għandhom jindirizzawha lil: selection-scientific-committee@fra.europa.eu

Għal aktar informazzjoni fir-rigward tal-ipproċessar tad-*data* personali, jekk jogħġbok ara d-Dikjarazzjoni ta' Privatezza tal-FRA.

L-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* jista' jiġi aċċessat fl-indirizz dpo@fra.europa.eu.

L-applikanti huma intitolati li jkollhom rikors fi kwalunkwe ħin għand il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* (<http://www.edps.europa.eu>; EDPS@edps.europa.eu) jekk iqisu li d-drittijiet tagħhom skont ir-Regolament (KE) 1725/2018 ikunu nkisru b'riżultat tal-ipproċessar tad-*data* personali tagħhom min-naħa tal-FRA.

9. SKADENZA

Id-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet hija t-**19/09/2022** fis-**13:00** (Ħin lokali, GMT +1).

Jekk jogħġbok innota li minħabba l-għadd kbir ta' applikazzjonijiet li nirċievu, is-sistema jaf iġġarrab problemi fl-ipproċessar ta' dawk l-ammonti ta' *data* meta tkun riesqa d-data ta' skadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet. Għaldaqstant, nirrakkomandawlek tapplika ferm qabel id-data ta' skadenza.